# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. *JOSEPH R. MICALLEF* LL.D.

Illum, it-Tnejn 7 ta' Mejju, 2001.

Kawza Nru. 29.
Citazz. Nru. 304/01 JRM

**CITADEL INSURANCE p.l.c. surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Norbert SCHEMBRI sija bil-polza u sija bil-ligi**

**vs**

**David MIZZI**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-Citazzjoni li bih is-socjeta' attrici wara li ppremettiet:

Illi fil-25 ta' Frar 2000 fi Dragonara Road, Paceville waqt li l-konvenut kien qed isuq il-karozza numru LEK 504 baqa' diehel fil-karozza numru BER 010 misjuqa minn Bernard Schembri u

proprieta' tal-assikurat Norbert Schembri u assikurata taht polza comprehensive mas-socjeta' attrici;

Illi dan l-incident gara b'tort unikament tal-konvenut minhabba traskuragini, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-istess konvenut kif jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Illi in vista tal-imsemmija polza is-socjeta' attrici ghamlet tajjeb ghad-danni kagunati mill-konvenut b'konsegwenza tal- istess incident;

Illi d-danni kollha sofferti mis-socjeta' attrici b'konsegwenza tal-incident fuq imsemmi jammontaw ghal elf u sebgha u tletin lira u disgha u disghin centezmu (Lm1037.99,0) kif jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Illi l-konvenut ghalkemm mitlub biex jaddivjeni ghal likwidazzjoni hlas tad-danni, baqa' inadempjenti;

Ghalhekk is-socjeta' attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex ghar-ragunijiet premessi:

1. M'ghandux il-konvenut jigi dikjarat minn din il-Qorti unikament responsabbli ghall-incident fuq imsemmi u ghad-danni konsegwenzjali sofferti mis-socjeta' attrici;

2. M'ghandhix din il-Qorti tillikwida dawn id-danni fis-somma ta' Lm1037.99,0 fuq imsemmija jew kull somma ohra verjuri li tigi likwidata minn din il-Qorti okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi;

3. Konsegwentement ma ghandux il-konvenut jigi kundannat ihallas lis-socjeta' attrici in linea ta' danni l-ammont hekk likwidat;

Bl-imghax u bl-ispejjez inkluzi Lm10 tas-Survey Report u Lm10 tal-konsult kontra l-konvenut li huwa ingunt minn issa ghas-

subizzjoni u bl-ispejjez tal-ittra ufficjali presentata kontestwalment kontra s-socjeta' assikuratrici tal-konvenut;

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda tas-socjeta' attrici;

Rat in-nota tal-konvenut li biha ammetta t-talba kif dedotta fic-citazzjoni;

Billi mill-ammissjoni tal-konvenut it-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata;

Fuq ammissjoni tal-konvenut tiddeciedi billi **tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici** kif dedotta fic-citazzjoni b'dan illi tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf u sebgha u tletin lira u disgha u disghin centezmu (Lm1037.99,0), bl-imghax u bl-ispejjez inkluzi Lm10 tas-Survey Report u Lm10 tal-konsult kontra l-konvenut.

**Moqrija.**

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.**
**7 ta' Mejju, 2001.**

**Charles Falzon**
**Deputat Registratur**
**7 ta' Mejju, 2001.**

*7 ta' Mejju, 2001.*